*Stqarrija għall-Istampa tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)*

**Konferenza Annwali Ġenerali tal-NCPE 2023**

Il-Konferenza Annwali Ġenerali 2023 tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tat ħarsa lejn ix-xogħol li wettqet l-NCPE matul is-sena kif ukoll lejn studju ġdid dwar il-patrijarkat u l-isterjotipi tal-ġeneru fis-soċjetà Maltija.

Waqt li indirizza l-Konferenza, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Dr Byron Camilleri sostna li l-progress li ksibna fil-qasam tal-ugwaljanza matul dawn is-snin kien sinifikanti. Madankollu, għad fadlilna ħafna aktar xi jsir. Irridu nagħmlu aktar. Bosta inizjattivi twettqu sabiex kulħadd ikun jista' jiżviluppa l-potenzjal tiegħu u biex nagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi nazzjonali mingħajr ebda diskriminazzjoni, speċjalment għall-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Il-Gvern huwa wkoll impenjat li jsaħħaħ il-funzjonijiet u l-mandat tal-NCPE, hekk kif il-Kummissjoni hi fil-qalba tal-infrastruttura nazzjonali għall-ugwaljanza u l-ewwel punt ta' kuntatt għall-vittmi tad-diskriminazzjoni.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Rebecca Buttigieg tenniet l-impenn tal-Gvern biex isaħħaħ l-ugwaljanza għal kulħadd u rreferiet għall-provvedimenti leġiżlattivi, miżuri u *policies* li ġew implementati għall-benefiċċju ta' gruppi differenti fis-soċjetà. Barra minn hekk, saħqet li x-xogħol imwettaq mill-NCPE fl-2022 huwa kontribuzzjoni importanti lejn l-ugwaljanza, u minħabba li d-diskriminazzjoni u l-preġudizzju huma ħafna drabi minsuġa madwar l-isterjotipi tal-ġeneru, l-istudju tal-NCPE jipprovdi ħarsa empirika siewja dwar kif dawn l-isterjotipi jistgħu jħallu impatti fil-ħajja ta' kuljum tan-nisa u l-irġiel.

Fid-diskors tagħha, l-Onor. Graziella Attard Previ, Kelliema tal-Oppożizzjoni għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet tat-Tfal, qalet li għalkemm kunċettwalment jidher li hemm qbil b'mod ġenerali dwar il-ħtieġa li jitmexxew 'il quddiem l-isforzi sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-Indiċi għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2022 żvela li l-progress sabiex tintlaħaq l-ugwaljanza bejn is-sessi miexi bil-mod. Hija enfassizat l-importanza li jkun hawn aktar għarfien dwar dan u dwar id-differenza fil-pagi bejn is-sessi sabiex tintlaħaq l-ugwaljanza, u saħqet fuq il-ħtieġa li jiġu identifikati l-kawżi sabiex konsegwentement jiġu ddeterminati soluzzjonijiet effettivi u possibbli.

Matul iċ-Ċerimonja tal-Għotja tal-Equality Mark ippreseduta mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u mis-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, **10**

organizzazzjonijiet ġew iċċertifikati bl-NCPE Equality Mark għall-ewwel darba, u total ta' **33** organizzazzjoni oħra ġew iċċertifikati mill-ġdid bħala konferma tal-impenn tagħhom lejn l-ugwaljanza fil-*policies* u l-prattiċi fil-post tax-xogħol. Minn dawn it-33 organizzazzjoni, **15** ġew iċċertifikati mill-ġdid għall-ewwel darba, **13** ġew iċċertifikati għat-tieni darba u **5** ġew iċċertifikati għat-tielet darba. B'kollox, bħalissa hemm **139** organizzazzjoni ċċertifikata bl-Equality Mark, li bejniethom iħaddmu iktar minn **32,500** impjegat f'kundizzjonijiet ta' ugwaljanza ċċertifikata.

L-investigazzjoni tal-ilmenti hi funzjoni importanti għall-NCPE sabiex individwi differenti jkunu jistgħu jgħixu ħajja dinjituża ħielsa mid-diskriminazzjoni. Fl-2022, bdew jiġu investigati 12-il każ. Il-Kummissarju tal-NCPE is-Sa Renee Laiviera spjegat il-proċedura tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' allegat diskriminazzjoni użata mill-NCPE u tat ħarsa lejn l-inizjattivi mwettqa fl-2022 biex tippromwovi t-trattamenti ugwali. B'mod partikolari, 133 sessjoni ta' taħriġ inataw lil 'il fuq minn 2,800 parteċipant, kif ukoll kompla l-impenn għall-kommunikazzjoni permezz ta' media tradizzjonali u soċjali, avvenimenti u konferenzi. Matul l-2022, l-NCPE kompliet tirrevedi u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' *policies* u liġijiet f'livelli nazzjonali u internazzjonali.

Ir-riżultati tal-istudju l-ġdid tal-NCPE li jġib l-isem ta' '*The prevalent gender roles perceptions and attitudes among adults living in Malta*' kienu ppreżentati minn Prof JosAnn Cutajar mill-Fakultà għall-Benesseri Soċjali u s-Sesswalitajiet u l-Ġeneru u minn Prof Liberato Camilleri mill-Fakultà tax-Xjenza mill-Università ta' Malta.

B'mod ġenerali, dan l-istudju wera li l-parteċipanti għandhom tendenza li jsostnu perċezzjonijiet progressivi, speċjalment dwar l-irwoli tal-ġeneru fl-isfera pubblika, imma xi aspetattivi tradizzjonali ħarġu b'mod speċjali rigward ix-xogħol bla ħlas. Minn barra dan, il-misoġinija u l-maskilità tossika huma oqsma li jistħoqqilhom iktar attenzjoni permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ tal-professjonisti, u żieda fl-għarfien. Istituzzjonijiet differenti jridu jaħdmu flimkien; ideoloġiji sottostanti dwar ir-rwoli tal-ġeneru jridu jiġu indirizzati u l-mudell ta' *earner-caregiver* irid jiġi faċilitat.

L-NCPE se tkompli taħdem biex isaħħaħ l-ugwaljanza għall-gruppi kollha fis-soċjetà Maltija.

**14 ta' Ġunju 2023**